MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 281/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu bir-rit civili fit-3 ta' Settembru 1993 u sussegwentement bir-rit kattoliku fil-11 ta' Novembru 1993 liema zwieg gie rregistrat bin-numru progressiv 1604/1993;

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem Matthew li ghadu minuri (Dok B);

Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, ingurji gravi, theddid kif ukoll adulterju imma partikolarment

abbandun totali tad-dar matrimonjali fil-konfront ta’ martu r-rikorrenta.

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tant tkisser irrimedjabilment b’ mod li l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibli tant li ilhom de facto separati minn circa 1998.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet moghti fl-4 ta’ Awwissu 2009 (Dok. C);

Ghaldaqstant l-esponenta titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi B ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

3. Tillikwida jekk hemm il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet mhux necessarjament ugwali b’ tali mod li l-intimat jitlef, jekk ikun il-kaz, kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti l-iktar dawk li saru bil-hidma tar-rikorrenta tapplika konta l-intimat l-effetti ta’ l-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifel Matthew tigi fdata f’ idejn ir-ragel.

5. Tordna li l-access favur l-attrici ghall-minuri Matthew b’ mod li l-istess attrici ma jkollha ebda tfixkil u diffikulta’ f’ dan id-dritt taht kwalunkwe skuza li jista’ jigi sollevata f’ dan l-ezercizzju ta’ dan id-dritt.

6. Tordna lil C B li jhallas manteniment ghall-esponenta u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-3 Settembru 1993, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem Matthew li twieled fis-16 ta' Settembru ta' l-istess sena. L-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali peress li kienet vittma ta' komportament abuziv da parti ta' zewgha.

L-attrici tispjega li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut, li kien jabbuza mill-alkohol, kien juza vjolenza fizika fuqha u li ta' kuljum kien jissoggettaha ghal vjolenza morali. B' hekk hija kellha titlaq mid-dar konjugali; filwaqt li t-tifel baqa' u ghadu jghix mal-missier.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, u timmerita li tigi milqugha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi rigward l-aspett patrimonjali tal-kawza, l-attrici tghid li m' hemmx assi tal-komunjoni.

**Manteniment u Access**
Inoltre, tghid li qed tirtira s-sitt talba; kif ukoll ir-raba' talba, basta jkollha access ghat-tifel.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-kawza odjerna billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut ;

[2] tilqa’ it-tieni talba ;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba, stante li ma hemmx assi x’ jigu likwidati u assenjati ;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba, stante li giet irtirata ;

[5] tilqa’ il-hames talba, u tordna access favur l-attrici ghal binha Matthew, konkordat bejniethom ;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li din giet irtirata ;

L-ispejjez kollha, hlief dawk relattivi ghat-tielet talba, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut ; filwaqt li dawk tat-tielet talba jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------